# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
## SEDE KOSTITUZZJONALI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum t-Tlieta 3 ta' Ottubru, 2023**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Guramentat Numru:- 576/2022 JVC**

Mohamed Kourouma

**Vs**

L-Avukat ta' l-Istat u
L-Avukat Generali

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Mohamed Kourouma (ID 36689(A)) illi permezz tieghu talab kif isegwi:

'Illi l-esponent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-proceduri fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spett Dennis Theuma)* vs *Mohammed Korouma (Kump nru 330/09)* u f'dawn il-proceduri l-esponent huwa akkuzat b'reati in konnessjoni, *inter alia*, ma'akkuzi relatati mat-traffikar tad-droga.

Illi din il-kawza ilha tigi assenjata lil diversi Magistrati u presenzjalment hija differita ghas-16 ta' Novembru 2022. Dawn il-proceduri gew inizzjati fil-2009.

Illi, kif ser jirrizulta mill-atti, il-provi ilhom li gew ezawriti snin twal.

Illi l-unika raguni ghad-delungar hija l-indecizjoni ta' l-Avukat Generali dwar jekk ghandux johrog l-atti ta' l-akkuza jew le fil-konfront ta' l-esponent. In effetti kien bosta r-rinviji fejn l-istess Avukat Generali talab estensjoni tat-terminu biex jara johrogx l-att ta' l-akkuza o meno pero' kull darba imbaghad jerga' jirrinvija l-atti lura ghand il-Magistrati u jerga ma jsir xejn hlief li l-prosekuzzjoni tippersisti li tghid li ghandiex iktar provi xi tressaq.

Illi llum huwa ormaj palezi li anke f'cirkostanzi tali xorta wahda l-akkuzat ghandu d-dritt li jkollu s-smiegh tieghu fi zmien ragjonevoli u kif iccitat iktar l' isfel il-Qrati Kostituzzjonali taghna affermaw dan il-principju persistentement.

Illi l-esponent ihoss li dan id-dewmien qieghed jilledilu d-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem liema provedimenti jiggarantixxu smiegh fi zmien ragjonevoli kif ser jigi hawn spjegat.

Illi fis-sentenzi fl-ismijiet *"Il-Pulizija vs Silvio Zammit* liema sentenza inghatat wara talba ghal referenza f'cirkostanzi simili ghac-cirkostanzi odjerni, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat dak deciz mill-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti kienet qalet hekk:

".... qieghda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Silvio Zammit kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, liema ksur ser jibqa' jissussiti sakemm il-prosekuzzjoni taghmel dak kollu li ghandha taghmel sabiex jew tottjeni d-deposizzjoni ta' Igne Delfosse mill-aktar fis possibli jew taghlaq l-istadju tal-provi taghha fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs Silvio Zammit."

Illi hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet *Sebastian Dalli* vs *L-Avukat tal-Istat et* il-Qorti sabet ukoll ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u, filwaqt li llikwidat kumpens ta' €27,952 u annullat l-ordni ta' ffrizar kontra l-akkuzat, kkummentat hekk:

"Il-Qorti, minghajr esitazzjoni, issib li gie ukoll miksur id-dritt ghal smiegh xieraq minhabba dewmien altru milli irragjonevoli, liema dritt fundamentali huwa imhares mill-artikolu 39(2) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament. "

Illi ssir referenza ghal sentenza ohra tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet *Francis Portelli u Anthony Cassar vs Avukat Generali*. Din ukoll kienet titratta ilment minhabba illi l-proceduri kriminali kienu thallew pendenti biex ikun jista' jiddeponi xhud. Fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti, ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, insibu hekk:

"Tilqa' r-raba' talba parzjalment billi tordna lill-Avukat Generali sabiex sa mhux aktar tard mill-31 ta' Dicembru 2019 jinghalqu l-provi tal- prosekuzzjoni fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Francis Portelli u Anthony Cassar "fuq riferita, u jirrinvija l-atti ghall-gudizzju lill-Qorti tal-Magistrati(Malta) bhala Qorti Istruttorja."

Illi dan japplika iktar u iktar meta dan il-process ilu jiddelunga ruhu ghal zmien twil inutilment minhabba biss l-indecizjoni ta' l-Avukat Generali.

Illi ghalhekk dan id-dewmien huwa irragjonevoli u qatt gustifikabbli u jincidi serjament fuq id-dritt ta' l-esponent ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u dan kif sancit fl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i) Tiddikjara li l-fatt illi l-proceduri kriminali kontra l-esponent hawn fuq imsemmija itawwlu u qed jitwalu inutilment ghal dawn is-snin kollha jilledi d-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

ii) Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, inkluz illi tordna l-kacellament tal-proceduri kontra tieghu.

Bl-ispejjez'.

Rat ir-risposta tal-intimati li taqra kif isegwi:

'Illi r-rikors kostituzzjonali jirrigwarda lanjanza dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minhabba allegat dewmien irragjonevoli fil-kawza kriminali *Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs. Mohamed Kourouma* li tinstab pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.

Illi esponenti jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti-f'dan il-kaz l-agir ta' l-awtorita' gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonjiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.

Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-

interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.

Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggahom fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom skond il-Ligi.

Illi finalment sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragjonevoli, kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu u fuq il-kumplessivita' tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li l-proceduri kriminali in dezamina ghalkemm qed jiehdu numru ta' snin biex jigu decizi, dan ma kienx biss minhabba nuqqasijiet tal-prosekuzzjoni izda ir-rikorrent l-istess ikkontribwixxa ghal dan l-allegat dewmien.

Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess u ghall-gieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irragjonevoli u allura tqis li ghandha taghti xi forma ta' rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju ghandu jkun biss ta' kumpens bhala danni morali u mhux ta' danni materjali.

Illi ghalhekk m'hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal-smigh xieraq.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.'

Rat il-provi  kollha fl-atti;

Rat illi fil-verbal datat 23 ta' Mejju, 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jiprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat li ma gew prezentati l-ebda sottomissjonijiet fit-termini mposti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza kostituzzjonali odjerna tikkonsisti f'ilment da parti tar-rikorrent Mohamed Kourouma li jsostni li wara li huwa tressaq akkuzat b'arrest lura fis-sena 2009, fuq akkuzi relatati mad-droga, sa dakinhar li giet intavolata l-kawza odjerna cioe fil-31 ta' Ottubru 2022, il-kaz kien ilu snin twal ma jaghmel progress ghar-raguni li ghalkemm il-provi tal-prosekuzzjoni kien ilhom maghluqa, l-Avukat Generali naqas milli johrog l-att ta' akkuza fil-konfront tar-rikorrent akkuzat. Ir-rikorrent isostni ghalhekk li dan id-dewmien fil-proceduri kriminali kontra tieghu jilledi l-jedd tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli fit-termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Jitlob ghalhekk li din il-Qorti tiddikjara tali lezjoni u taghti rimedju xieraq fosthom li tikkancella l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu.

Rat illi l-intimati fil-qosor eccepew illi sabiex wiehed jiddetermina hux ragjonevoli jew le dewmien fil-proceduri wiehed irid iqis il-komplessita tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir tal-Awtorita jew Awtoritajiet relevanti. Izid li ma hemm l-ebda 'time limit' indikat fil-ligi dwar kemm kaz ghandu jdum u li sabiex wiehed iqis li jkun hemm lezjoni tad-dritt in kwistjoni jrid jigi ppruvat li d-dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex

jizvantagga lill-akkuzat. Jeccepixxi wkoll li ghandu jigi analizzat jekk ir-rikorrent innifsu kkontribwixxiex ghad-dewmien.

Illi fil-mertu l-Qorti rat li fl-atti giet prezentata kopja tal-akkuza a fol. 13 tal-process li tikkonferma li r-rikorrent jinsab akkuzat b'akkuzi relatati ma' droga fit-termini tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u li huwa tressaq l-ewwel darba nhar l-1 ta' April, 2009.

Illi wara l-akkuza gew esebiti fl-atti l-verbali kollha tal-Qorti Kriminali tul is-snin u wkoll ir-rinviji tal-Avukat Generali. Minn din id-dokumentazzjoni l-Qorti tirrileva kif isegwi:

(i) Illi mill-1 ta' April, 2009 sad-data tas-16 ta' Novembru, 2022 lahqu ghaddew mill-anqas tlettax-il sena (13) u li tul dawn it-tlettax-il sena (13) saru mill-anqas mija u hamsin seduta (150) lkoll fi stadju ta' provi prosekuzzjoni;

(ii) Illi sad-data tat-28 ta' Awwissu 2013, ghalkemm kienu gia ghaddew erba' (4) snin mill-bidu tal-proceduri, salv xi ftit intoppi zghar, l-gbir tal-provi kien qed isir b'mod regolari;

(iii) Illi mill-istess data tat-28 ta' Awwissu 2013 il-quddiem sad-data tas-16 ta' Novembru 2022, ghalkemm ghaddew mhux anqas minn disa' (9) snin shah b'seduti jsiru fil-frekwenza ta' madwar wahda kull hmistax, tista' tghid ma sar xejn stante li kull darba l-prosekuzzjoni kienet tiddikjara l-provi taghha maghluqa filwaqt li waqt ir-rinviju l-Avukat Generali kien jiprezenta nota fejn jinforma lill-Qorti li ghandu bzonn aktar zmien sabiex iressaq l-att tal-akkuza u nota li permezz taghha jitlob li fis-seduta li jmiss il-prosekuzzjoni tiddikjara jekk il-provi humiex maghluqa. Din is-sitwazzjoni **surreali u tista' tghid tal-biki** baqghet ghaddejja fil-process ghal aktar minn disa' (9) snin. Dawn in-noti ta' rinviji kif

spjegat aktar-il fuq f'dan il-paragrafu mill-anqas gew prezentati tmenin (80) darba u fuqhom;

(iv) Illi jirrizulta wkoll mill-atti li mal-mument li giet prezentata l-kawza odjerna nhar il-31 ta' Ottubru 2022, l-Avukat Generali jidher li ried jghatti xturu u giet prezentata malajr malajr l-Att ta' Akkuza tant mistennija liema att igib id-data tat-30 ta' Novembru, 2022;

(v) Illi stante li l-akkuzat ma kellux il-flus neccessarji ghad-depozitu ordnat fid-digriet tal-liberta' provizorja, l-istess akkuzat ghamel oltre tlett snin u nofs fuq arrest preventiv;

(vi) Illi l-bdil ta' tlett gudikanti fil-kaz odjern tul is-snin ftit li xejn affettwa l-andament tal-proceduri fil-konfront tar-rikorrenti akkuzat;

(vii) Illi minn oltre mija u hamsin (150) seduta kien hemm biss madwar hames seduti li fihom ma sar xejn konsegwenza ta' xi nuqqas da parti tar-rikorrent odjern.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi dak suespost jevidenzja lil din il-Qorti li l-kawza kontra r-rikorrent akkuzat baqghet wieqfa minghajr ebda raguni valida u evidentement bi ksur tal-jedd fundamenti ghal smiegh xieraq tar-rikorrent ghal perjodu ta' oltre minn disa' (9) snin. Ir-raguni tad-dewmien hija cara u cioe' li l-Avukat Generali palesement naqas milli jaghmel xoghlu u jressaq att ta' akkuza kontra r-rikorrent liema akkuza setghet facilment titressaq lura mis-sena 2013. Huwa car f'ghajnejn din il-Qorti li r-rinviji dejjem l-istess tul dan

il-perjodu kollu kienu qed jintuzaw biss bhala raguni biex l-Avukat Generali jerbah iz-zmien favur tieghu u xejn aktar.

Illi l-Qorti rat ukoll li fil-maggor parti tal-verbali ta' dawn is-seduti, li tista' tghid kienu qed isiru ghal xejn bi spejjez ukoll mhux zghar ta' traduzzjoni f'kull seduta, li l-prosekuzzjoni ghal diversi drabi ddikjarat li l-provi taghha kien ilhom snin maghluqa u wkoll illi l-Qorti koncernata gibdet l-attenzjoni diversi drabi tal-Avukat Generali li ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn il-kaz kellu jitwal ulterjorment, izda nonostante dan kollu ma sar xejn da parti tal-Avukat Generali.

Il-Qorti rat ukoll li kien hemm istanzi fil-verbali fejn anki l-Avukati tal-akkuzat irrilevaw li d-dewmien da parti tal-Avukat Generali ma kienx wiehed gustifikat. Il-Qorti taghmel referenza bhala ezempju ghall-verbal tal-1 ta' Gunju, 2022 a fol. 335 tal-process fejn gie dikjarat kif isegwi:

*'Dr Herrera jirrileva illi ghal dawn l-ahhar snin ma gie registrat l-ebda progress fl-andament ta' dan il-process stante illi l-Avukat Generali ma ressaq l-ebda provi u ma jidhirx li ghad baqghalu provi xi jressaq'il quddiem. Naturalment dan id-dewmin kollu jippregudika lill-imputat li fuqu ghandu attachment order, apparti mposizzjonijiet ohra legali. Minhabba fil-premess, l-imputat jissollecita lill-Avukat Generali jikkjarifika l-posizzjoni tieghu. Fin-nuqqas jirrizerva d-dritt li jirreferi l-kwistjoni lill-Qorti kompetenti fuq indoli kostituzzjonali.'*

Illi mill-evalwazzjoni tal-Qorti odjerna tal-atti kriminali fil-konfront tar-rikorrent, din il-Qorti tqis li d-dewmien fil-kaz odjern ta' mill-anqas disa' (9) snin bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jistghu jigu gustifikati mill-komplessita tal-kaz izda evidentement huma rizultat ta' negligenza kbira da parti tal-Avukat Generali.

Dan id-dewmien jirrizulta li huwa wiehed verament kapriccuz u wkoll huwa car li qed ikun ta' zvantagg ghar-rikorrent, tenut kont ukoll li r-rikorrenti gia ghamel numru ta' snin konsiderevoli maqful taht arrest preventiv u ghandu l-assi tieghu ffrizati. Din il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati.

Illi dwar it-tieni talba l-Qorti terga' tirrileva li r-rikorrent jitlob bhala rimedju, fost ohrajn, li hija tikkancella l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu. Din il-Qorti, in vista wkoll li konsegwenza ta' din l-istess kawza jidher li l-Avukat Generali gie f'tieghu u ntavola l-att ta' akkuza kontra r-rikorrent akkuzat b'dana li allura l-proceduri issa jistghu jitkomplew, tqis li r-rimedju l-aktar idoneu fic-cirkostanzi huwa dak ta' hlas ta' kumpens ghal danni morali sofferti mir-rikorrent.

Din il-Qorti tqis li stante li jirrizulta dewmien palesement ingustifikat ta' oltre disa' snin, il-kumpens gust fic-cirkostanzi ghandu jkun fis-somma ta' ghaxart'elef Euro (€10,000) pagabbli mill-Avukat Generali intimat lir-rikorrent bl-imghaxijiet fuq l-istess skont il-ligi mid-data tad-decizjoni sal-pagament effettiv sabiex il-Qorti tassigura li ma jergax ikun hemm dewmien ingustifikat anki fil-hlas tal-kumpens ordnat.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-lanjanza kostituzzjonali kif isegwi:

(i) Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati;

(ii) Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li l-fatt illi l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent hawn fuq imsemmija itawwlu u qed jitwalu inutilment ghal dawn is-snin kollha jilledi d-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

(ii) Tilqa' t-tieni talba in parte u taghti rimedju lir-rikorrent billi tordna li l-Avukat Generali intimat ihallas lir-rikorrent Mohamed Kourouma is-somma ta' ghaxart'elef Euro (€10,000) f'kumpens ta' danni morali flimkien mal-imghaxijiet skont il-ligi mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**03 ta' Ottubru , 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**03 ta' Ottubru, 2023**